servizz pubbliku

Taqsima Kulturali - Direttorat għall-Wirt Kulturali

MIN AĦNA

Noffru spazju intimu ta' esibizzjoni li jippermetti lill-artisti stabbiliti u dilettanti jesebixxu x-xogħlijiet artistiċi tagħhom, u joffri lill-viżitaturi opportunita' unika biex jinvolvu ruħhom ma' firxa varjata ta' espressjonijiet artistiċi. Nistinkaw biex noffru lill-pubbliku opportunità li japprezza l-arti taħt id-diversi forom tagħha.

L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://culturalheritagegozo.gov.mt/?lang=mt*

X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skond il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 5 minuti f'ċirkustanzi normali.

Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 2 jumejn tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *culturalheritage.mgp@gov.mt*
- Permezz tas-Servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Talba ta' Informazzjoni*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 2 jumejn tax-xogħol.

KIF TIKKUNTATTJANA

- Taqsima tal-Avvenimenti Kulturali, Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat Għawdex
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 07:00-15:00; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://culturalheritagegozo.gov.mt/?lang=mt*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mad-dipartment: *culturalheritage.mgp@gov.mt*; -+356 2215 5376
- Permezz tal-midja soċjali: